MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 16/2010

**Galea General Services Limited**

**Vs**

**Francis Saliba**

Permezz ta’ rikors prezentat fil-15 ta’ Ottubru 2010 is-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta’ hamest elef disgha mija u hamsa u hamsin ewro (€5,955) bilanc ta’ prezz ghall-bejgh ta’ vettura Porsche Cheyenne.

Permezz ta’ nota prezentata llum is-socjeta attrici rriduciet it-talba ghas-somma ta’ erbat elef erbgha mija u hamsa u hamsin ewro (€4,455). Il-konvenut ammetta t-talba kif ridotta. Inoltre fis-seduta tal-lum il-partijiet lehqu ftehim dwar kif ghandu jsir il-hlas.

**Ghaldaqstant, il-qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ erbat elef erbgha mija u**

**hamsa u hamsin ewro (€4,455) skond il-modalitajiet kontempleta fit-transazzjoni li lehqu llum (ara verbal tas-seduta tal-lum)**.

**Bl-imghax b'effett mill-15 ta' Ottubru 2010 u spejjez a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------